MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 46/2004/1

**Spettur Carlo Ellul.**

**-vs-**

**Joseph Azzopardi, Caroline Bianco.**

**Il-Qorti;**

Rat id-digriet ta’ riferenza tal-Qorti tal-Magistrati moghti fl-1 ta’ Dicembru, 2004 li permezz tieghu l-lanjanza tal-akkuzat giet rimessa quddiem din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher mill-atti dan l-akkuzat qed jilmenta li meta l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-konfront tieghu moghtija fit-30 ta’ Lulju, 2004 ikkummentat hekk;

“*Din il-Qorti semplicement ma temminx il-verzjoni moghtija minn Bianco u minn Azzopardi; anzi tiddikjara bla tlaqlieq li dawn it-tnejn xehdu l-falz bil-gurament.*”

Fuq il-bazi ta’ din id-dikjarazzjoni l-Pulizija akkuzat lill-istess Joseph Azzopardi u lil Caroline Bianco illi appuntu xehedu l-falz fil-proceduri msemmija. L-akkuzat Azzopardi qed jilmenta illi din id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali kisret id-dritt fundamentali tieghu bhala akkuzat ta’ reat kriminali u cioe’ dak tal-presunzjoni tal-innocenza. Ghalkemm is-subinciz ma giex citat jidher car li huwa qed jirreferi ghal dak hamsa tal-Artiklou 39 tal-Kostituzzjoni illi jghid;

“*Kull min jigi akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati.*”

Fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja jidher ukoll car li huwa qed jirreferi ghas-subinciz tnejn tal-Artikolu 6 illi jghid;

“*Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu jkun meqjus innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi.*”

Mill-kazi riportati tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jidher li l-kazi li gew quddiemha kienu jirrigwardjaw il-hlas tal-ispejjes gudizzjarji li jkunu gew imwaqqfa ghal xi raguni jew ohra. Per ezempju fil-kaz Lutz vs Germanja (25 ta’ Awwissu,

1987) ir-rikorrenti kien talab rifuzjoni tal-ispejjes legali wara li l-akkuza li kellu kontra tieghu giet irtirata ghaliex kienet preskritta. Il-Qorti Germaniza kienet cahdet it-talba ghaliex skond hi, huwa kien jinstab hati kieku l-kaz ma kienx preskritt. Il-Qorti Ewropeja kienet ikkonkludiet illi dan ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ghaliex il-kundanna ghall-ispejjes ma kinitx tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' htija. Hemm kazi ohrajn bhal dan izda huwa car li ebda wiehed minn dawn ma japplika ghall-kaz in ezami.

Fil-fehma tal-Qorti l-problema ma tezistix u dan ghal raguni fundamentali. Il-presunzjoni tal-innocenza huwa dritt sakrosant tal-akkuzat *fil-proceduri kriminali nfushom.* Dak li qed jilmenta minnu l-akkuzat hija dikjarazzjoni ta' Qorti *illi ordnat il-proceduri* u mhux l-istess Qorti illi fiha ghaddejjin il-proceduri kontra tieghu. Il-Qrati kollha huma obbligati illi jirrikamondaw jew jordnaw proceduri kriminali kontra xi persuna partikolari jekk fil-kors tas-smiegh tal-provi jaraw illi *prima facie* dik il-persuna tista' tinstab hati ta' reat.

F'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell ikkummentat dwar ix-xhieda ta' Azzopardi u Bianco meta kienet qed tizen il-piz tal-provi migbura mill-partijiet u huwa naturali jekk thoss li xi hadd kien qed jigdeb tghid dan fil-qari tas-sentenza. Kif sewwa rrimarka l-Avukat Generali l-Qorti msemmija, fil-waqt illi ddikjara illi skond hi, il-persuni msemmija xehedu falz u ordnat illi jittiehdu passi kriminali kontra taghhom, ikkwalifikat dan bil-kliem "*prevja occorrendo investigazzjoni u indagini ulterjuri da parti tal-Pulizija Esekuttiva.*" Il-Qorti mkien ma kkundannathom dak il-hin ghal dak li rriskontrat fil-kors tas-smiegh tal-provi izda ordnat illi jibdew il-proceduri u tkun imbaghad il-Qorti li quddiemha jinstemghu il-provi fil-proceduri kriminali in kwistjoni illi tiddetermina l-htija jew l-innocenza tal-akkuzati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba tal-akkuzati Joseph Azzopardi u Caroline Bianco u ssib li d-drittijiet**

**fundamentali taghhom ma gewx miksura u tordna li l-proceduri in kwistjoni jitkomplew u ghal dan il-ghan tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza jigu sapportati mill-akkuzati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------